MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 637/1999/2

**Bank of Valletta p.l.c**

**vs**

**Direct Marketing Services Limited, Dr. Renzo Porsella Flores u PL Rose Sciberras nominati b'digriet tal-20 ta' Ottubru 1998 kuraturi deputati biex jirrapprezzentaw lil assenti Martin Schembri; Joan Schembri; Alex Zammit; Marina Zammit u Roger u Marie Therese mizzewgin Scotto**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Overdraft Facility" lill-konvenuta socjeta kummercjali Direct Marketing Services Limited.

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta Direct Marketing Services Limited fis-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf, hames mija u disgha u disghin liri maltin u erbatax-il centezmu (Lm25,599.14) bilanc ghad-debitu fl-“Overdraft Account” ta’ Direct Marketing Services Limited mal-attrici (Dok “A1 sa A69”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 1998 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f’kuntratt in atti Nutar Dottor Richard Vella Laurenti datat 29 ta’ April 1995 (Dok “B”) u b’ erba skritturi privati datati 3 ta’ Awissu 1995 (Dok “C”), 24 ta’ Awissu 1994 (Dok “D”), 23 ta’ Ottubru 1992 (Dok “F”) u 25 ta’ Ottubru 1993 (Dok “G”), il-konvenuti Martin u Joan mizzewgin Schembri iggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta Direct Marketing Services Limited ghaf-favur tal-attrici, id-debiti tal-istess socjeta Direct Marketing Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f’kuntratt in atti Nutar Dottor Richard Vella Laurenti datat 29 ta’ April 1995 (Dok “B”) u b’ erba skritturi privati datati 24 ta’ Awissu 1994 (Dok “D”), 3 ta’ Awissu 1995 (Dok “E”), 23 ta’ Ottubru 1992 (Dok “F”) u 25 ta’ Ottubru 1993 (Dok “G”), il-konvenut Alex Zammit iggarantixxa flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ Direct Marketing Services Limited ghaf-favur tal-attrici id-debiti tal-istess socjeta Direct Marketing Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f’ kuntratt in atti Nutar Dottor Richard Vella Laurenti datat 29 ta’ April 1995 (Dok “B”) u b’ erba skritturi privati datati 24 ta’ Awissu 1994 (Dok “D”), 3 ta’ Awissu 1995 (Dok “E”), 23 ta’ Ottubru 1992 (Dok “F”) u 25 ta’ Ottubru 1993 (Dok “G”), il-konvenuta Marina Zammit iggarantiet flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ Direct Marketing Services Limited ghaf-favur tal-attrici id-debiti tal-istess socjeta Direct Marketing Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f’kuntratt in atti Nutar Dottor Richard Vella Laurenti datat 29 ta’ April 1995 (Dok “B”) u b’ erba skritturi privati datati 24 ta’ Awissu

1994 (Dok “D”), 3 ta’ Awissu 1995 (Dok “E”), 23 ta’ Ottubru 1992 (Dok “F”) u 25 ta’ Ottubru 1993 (Dok “G”), il-konvenuti Roger u Marie Therese mizzewgin Scotto iggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ Direct Marketing Services Limited ghaf-favur tal-attrici id-debiti tal-istess socjeta Direct Marketing Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ erba’ ittri ufficjali datati 24 ta’ Lulju 1998 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkta Dok “I”, Dok “J”, Dok “K” u Dok “L”, sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baghu inadempjenti.

Ghalhekk il-bank attur qed jitlob li din il-Qorti (1) tikkundanna lis-socjeta’ kummercjali Direct Marketing Services Limited, lil Martin u Joan mizzewgin Schembri, lil Alex Zammit, lil Marina Zammit u lil Roger u Marie Therese mizzewgin Scotto jhallsu flimkien u “in solidum” bejniethom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf, hames mija u disgha u disghin liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm25,599.14) bilanc ghad-debitu fl-“Overdraft Account” ta’ Direct Marketing Services Limited mal-attrici (Dok “A1 sa A69”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 1998 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 24 ta’ Lulju 1998 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici Bank of Valletta p.l.c. debitament konfermata bil-gurament u l-ista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta Marina Zammit fejn gie eccepit:-

Illi d-domanda tas-socjeta’ attrici fil-konfront tal-konvenuta hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ghalkemm hija iffirmat id-dokumenti kollha relattivi fejn intrabtet personalment u *in solidum* fuq il-hrug ta’ l-“Overdraft

Facility” lil Direct Marketing Services Limited, il-kunsens taghha gie mehud bi vjolenza wara pressjoni u theddid mir-ragel taghha Alexander Zammit qabel ma il-konjugi Zammit resqu biex jiffirmaw il-kuntratt u ghalhekk il-kuntratt indikat ghandu jigi dikjarat null fil-konfront taghha u dan a tenur ta’ Artikolu 974, 977, 978 u 979 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuta Marina Zammit debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta’ Eccezzjonijiet tal-Avukat Dott. Renzo Porsella Flores u l-PL Rose Sciberras nomine fejn gie eccepit li huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw illi jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-imsemmija konvenuti Avukat Dott Renzo Porsella-Flores u l-PL Rose Sciberras nomine debitament ikkonfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Roger u Marie Therese mizzewgin Scotto fejn gie eccepit:-

Illi t-talba attrici hija nfondata fir-rigward taghhom u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, in kwantu:

Illi huma gew ingannati meta kienu nkoraggiti jiggarantixxu d-debiti tas-socjeta’ Direct Marketing Services Ltd, meta l-Bank kreditur kien jaf, jew imissu kien jaf, li l-kontijiet tas-socjeta’ debitrici ma’ kienux veritjieri u mizmuma regolarment, u kwindi l-kunsens ta’ l-eccipjenti ghall-ghoti tal-garanzija kien koncepit u vizzjat b’ misinprezentazzjonijiet, u
Bla pregudizzju ghall-premess, il-garanzija ipotekarja ta’ l-eccipjenti kienet limitata ghal ammont ta’ hmistax-il elf lira, filwaqt li l-garanzija mhux ipotekarja kienet ghas-somma ta’ hames’ t elef lira, barra l-interessi relattivi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti Roger u Marie Therese mizzewgin Scotto sdebitament ikkonfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tall-konvenuta Giovanna Schembri fejn gie eccepit:-

Illi l-esponenti ma hiex responsabbli ghad-debitu tal-kumpanija Direct Marketing Services Limited peress illi hija ma kellha ebda konessjoni ma din is-socjeta’;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ma kenitx infurmata illi hija qeghda tidhol garanti tad-debiti tas-socjeta kien zewgha Martin Schembri li sussegwentement harab minn Malta u abbanduna lil martu u lil uliedu biex jahrab mid-debiti, flimkien ma’ Alex Zammit u Roger Scotto li huma responsabbli ghal dawn id-debiti;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost s-socjeta’ attrici kienet naqset fl-obbligi taghha u kienet avvanzat kreditu lill-socjeta’ li ma kenitx serja;

Illi minghajr pregudizzju l-esponenti ippruvat diversi drabi tipprova tasal mas-socjeta’ attrici fis-sens li thallas terz tad-debitu imsemmi u hekk jigu evitati dawn il-proceduri izda s-socjeta’ attrici dejjem irrifjutat li tasal f’ arrangament bonarju mal-esponenti u ghalhekk l-esponenti ma ghandiex tkun responsabbli tal-imghax li qieghed jiddekorri u l-ispejjez ta’ din l-istanza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuta Giovanna Schembri debitament ikkonfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Alex Zammit fil-kapacita’ tieghu personali u bhala Direttur tas-socjeta’ konvenuta Direct Marketing Services Limited fejn gie eccpit:-

Illi mhuwiex kontestat il-fatt illi l-Bank of Valletta plc ikkonceda *overdraft facility* lis-socjeta konvenuta Direct Marketing Services Limited;

Illi l-konvenut Alex Zammit flimkien ma’ Roger Scotto u Martin Schembri kienu diretturi ta’ l-istess socjeta’ Direct Marketing Services Limited u kienu responsabbli *in solidum* u personalment ghal hlas ta’ l-overdraft facility moghti lilhom mill-Bank of Valletta p.l.c;

Illi l-konvenuti Roger Scotto u Martin Schembri irrezenjaw minn diretturi meta s-socjeta’ Direct Marketing Services Limited ma kienitx qed topera aktar jew kienet *dormant* minhabba problemi finanzjarji minghajr ma taw ebda avviz lill-konvenut Zammit u dana meta l-Bank of Valletta p.l.c. kien qed jitlob il-hlas lura ta’ l-*overdraft facility.*

Illi l-konvenuti Scotto u Schembri kienu konsapevoli mill-problemi finanzjarji tas-socjeta’ u dana kif jirrizulta mill-minuti tal-laqgha tal-Bord tad-Diretturi mizmuma fit-28 ta’ Mejju 1996 li kopja ta’ l-istess minuti qed tigi annessa u mmarkata bhala “DOK AZ1”;

Illi inoltre kull hlas li sar mis-socjeta’ Direct Marketing Services Limited mill-kont mizmuma mal-Bank of Valletta p.l.c., u cioe’ mill-*overdraft facility* ried ikollu l-firma ta’ zewg diretturi, li wiehed minnhom bilfors ried ikun il-konvenut Scotto filwaqt li l-firma l-ohra setghet kienet ta’ wiehed miz-zewg diretturi l-ohra u cioe’ jew tal-konvenut Schembri jew tal-konvenut Zammit.

Illi d-diretturi kienu kkommissjonaw rapport investigattiv mid-ditta ta’ l-Awdituri John Abela & Co, liema rapport il-konvenut, li kellu interess li jara s-socjeta’ ssir vjabbli finanzjarjament, qatt ma nghata kopja taghha;

Illi l-konvenut minkejja li insista mad-diretturi l-ohra sabiex jingabru l-assi tal-kumpanija u cioe’ hlasijiet dovuti lill-kumpanija mill-kiljenti taghha sabiex jigu depozitati kif ukoll makkinarju iehor li kien inxtara bhal *dispensing machines* mixtrija bi shab ma’ socjeta’ ohra li ghandha l-istess diretturi u azzjonisti tas-socjeta’ *Direct Marketing*

*Services Limited* u mqassam lill-klijenti tas-socjeta’ konvenuta sabiex dawn jinbieghu u r-rikavat jigu depozitati, kif ukoll vettura tal-marka Isuzu proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta sabiex din ukoll tinbiegh u r-rikavat jigi depozitat, d-diretturi konvenuti Scotto u Schembri qatt ma hadu azzjoni, anzi ftit wara rrizenjaw u hallew lill-konvenut Zammit dahru mal-hajt stante li biex jipprocedi bl-operazzjoni tal-kumpanija huwa kellu bzonn il-firma almenu tal-konvenut Scotto.

Illi nonostante li l-konvenut Scotto u Schembri irrezenjaw minn Diretturi tal-kumpanija *Direct Marketing Services Limited* huma komplew joperaw bl-assi u l-isem tal-kumpanija, minghajr l-kunsens u l-gharfien tal-konvenut Zammit, billi impurtaw koncentratti tal-frott sabiex jinhadem u jigi ppakjat u mqassam fil-hwienet, u minn din il-gestjoni huma ma ddepozitaw l-ebda flus fl-*overdraft facility* mal-Bank of Valleta p.l.c.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut Alex Zammit debitament ikkonfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat l-affidavits ta’ Mary Borg u tal-konvenuta Joan Schembri ippresentati mill-istess konvenuta.

Rat li fil-kors tas-seduta tal-24 ta’ April 2003 giet nominata l-Assistent Gudizzjara Deborah Farrugia sabiex tisma lill-konvenut Roger Scotto fir-residenza tieghu u l-verbal tad-deposizzjoni tal-istess konvenut.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Konsiderazzjonijiet ta’ fatt

Jirrizulta li l-bank attur kien sielef diversi somom lis-soċjetà konvenuta Direct Marketing u li l-istess socjeta’ naqset milli tonora l-obbligi tagħha b’mod partikolari li

thallas lura l-ammont totali misluf lilha mill-bank attur. Effettivament jirrizulta b'mod sufficjenti li l-ammont li qed jintalab minnghand l-imsemmija socjeta' hu effettivament dovut lill-bank attur. Jidher ukoll li sa mill-prezentata tar-rikors guramentat l-istess socjeta' baqgħet inadempjenti u ma ħallset xejn. Ghalhekk jirrizulta li l-pretensjoni tal-Bank attur hi fondata.

Konsiderazzjonijiet Legali

L-ewwel ser jigu kkonsidrati l-varji eċċezzjonijiet tal-konvenuti. Il-konvenuta Marina Zammit qed teccepixxi li hu minnu li ffirmat id-dokumenti kollha li permezz taghhom intrabtet personalment u *in solidum* fir-rigward tal-facilitajiet kollha koncessi mill-bank attur lis-socjeta' konvenuta pero', ssostni li l-kunsens taghha, f'dan ir-rigward, gie mehud bi vjolenza wara pressjoni u theddid mir-ragel taghha l-konvenut Alexander Zammit. Skond l-istess konvenuta d-dokumenti kollha ffirmati minnha ghandhom jigu dikjarati nulli fil-konfront taghha a tenur tal-artikoli 974, 977, 978 u 979 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imsemmi artikolu 974 jipprovdi hekk – "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b`eghmil doluz, ma jkunx jiswa." Sta ghall-imsemmija konvenuta li tipprova sufficjentement li żewġha għamel pressjoni fuqha u heddidha sabiex tiffirma l-istess dokumenti. Tali prova ma saritx u ma jirrizulta ebda eghmil doluz fis-sens ta` qerq jew ingann fil-konfront tal-istess konvenuta da parti ta' zewgha. Lanqas ma tirrizulta ebda prova dwar vjolenza (fisika jew morali) qabel kien iffirmat il-kuntratt jew waqt li kien qieghed isir il-kuntratt. Biex vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal ghan-nullita` tal-kuntratt, hemm bzonn li dik il-vjolenza tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt, u li l-kunsens ikun il-frott ta' tali vjolenza.

L-imsemmi artikolu 978 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi hekk – "Il-kunsens jitqies mehud bi vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggieghlha tibza` li hija nnifisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b`xejn f`perikolu ta` hsara kbira.

F`dawn il-kazijiet ghandhom jitqiesu l-eta`, is-sess u l-kundizzjoni tal-persuna."

Fl-isfond ta' dak li ntqal fis-sentenzi fl-ismijiet "Aquilina vs Farrugia nomine" (Prim'Awla 22 ta` Mejju 2001" u "Eurobridge Shipping Services Limited vs Scicluna" (Prim'Awla 30 ta` April 2001) kif ukoll sentenzi ohra, din il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta bl-ebda mod ma ppruvat li meta gie ffirmat l-imsemmi kuntratt kif ukoll l-iskritturi ta' garanzija, il-kunsens taghha kien ivvizzjat bil-vjolenza jew biza. Kwindi ma giex ipprovat sufficjentement li seta` kien hemm vjolenza qabel jew waqt il-kuntratt. Din l-eċċezzjoni tal-konvenuta Marina Zammit għandha tiġi miċħuda.

Minn naha taghhom il-konvenuti Roger u Marie Therese mizzewgin Scotto jissottomettu li huma gew ingannati meta gew inkoraggiti sabiex jiggarantixxu d-debiti tas-socjeta' konvenuta. F'dan ir-rigward isostnu li l-Bank kreditur kien konsapevoli, jew imissu kien jaf, li l-kontijiet tas-socjeta' debitrici ma' kienux veritjieri u mizmuma b'mod irregolari, u kwindi l-kunsens taghhom sabiex jaghmlu l-garanzija in kwestjoni kien ivvizzjat b'misinterpretazzjoni.

Ma jirriżulta minn imkien illi l-bank attur xjentement żamm informazzjoni dwar il-kontijiet tas-soċjetà debitriċi u ghalhekk l-eċċezzjoni in kwestjoni għandha tiġi miċħuda.

L-istess konvenuti konjugi Scotto jeċepixxu ukoll illi l-garanzija ipotekarja tagħhom kienet limitata ghal ammont ta' hmistax-il elf lira maltin (Lm15000), mentri l-garanzija mhux ipotekarja kienet ghas-somma ta' hamest elef lira, barra l-interessi relattivi. Jirrizulta mill-kuntratt, li kopja tieghu hi esibita fol.76 acettaw li jiggarantixxu dejn tas-socjeta' konvenuta versu l-bank attur. Inoltre giet esibita (fol.90) kopja tal-garanzija ffirmata mill-konvenuti miżewwġin Scotto għas-somma ta' ħamest elef lira maltija (Lm5000), oltre l-interessi. Kwindi dak li qed jippretendu l-konvenuti Scotto permezz ta' din l-eccezzjoni jirrizulta sufficjentement u ghalhekk dak li gie eccepit dwar il-limitazzjoni tal-garanziji jirrizulta sufficjentement.

Ghalhekk, fi kwalunkwe kaz il-konvenuti konjugi Scotto għandhom jagħmlu tajjeb ghal mhux akatar ta’ hmistax-il elf lira (Lm15000) (garanzija ipotekarja limitata), u ghas-somma ta’ hamest elef lira, (garanzija mhux ipotekarja) oltre ovvjament l-interessi relattivi. In vista tal-ammont li qed jintalab mill-bank attur jidher li dawn il-limitazzjonijiet sa issa ma gewx superati.

Il-konvenuta Giovanna Schembri fl-ewwel lok teccepixxi li hija m’ghandhiex tigi ritenuta responsabbli ghad-debitu tas-socjeta’ konvenuta Direct Marketing Services Limited stante li ma kellha ebda konessjoni ma l-istess socjeta’. Jirrizulta pero’ li l-istess konvenuta dehret bħala garanti fl-imsemmi kuntratt a fol.76. Inoltre l-istess konvenuta ffirmat il-garanzija esibita a fol.82.

L-artikolu 1925 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li “l-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta’ wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu.”

Ghalhekk tenut kont ta’ dan l-imsemmija l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Giovanna Schembri, l-istess eccezzjoni għandha tiġi miċħuda peress li jirrizulta li l-istess konvenuta obbligat ruhha in solidum mas-socjeta’ konvenuta versu l-bank attur ghall-hlas lura tad-debiti tal-istess socjeta’. Tali garanzija solidali tagħti lill-Bank attur il-jedd li jaġixxi kontra l-garanti solidali, f’kaz li d-debitu ma jithallax lura. Kwindi jirrizulta li l-konvenuta Schembri hi responsabbli għad-debitu mertu tal-kawza. Kwindi din l-eċċezzjoni jisthoqqilha li tiġi miċħuda.

Il-fatti allegati fit-tieni eccezzjoni tal-istess konvenuta zgur li ma jirrizultawx ippruvati u ghalhekk din l-eccezzjoni timmerita li tigi respinta ukoll. Fit-tielet eccezjoni taghha l-istess konvenuta Schembri tissottometti li l-bank attur naqas billi sellef ammonti lis-socjeta’ konvenuta li, skond l-istess konvenuta, mhux serja. L-aspetti legali involuti f’din l-erccezzjoni mhux cari, pero’ jista jinghad li l-fatti allegati f’din l-eccezzjoni ma jirrizultawx u kwindi l-istess eccezzjoni timmerita li tigi respinta.

Inoltre l-istess konvenuta Schembri ssostni li ppruvat diversi drabi tittransigi mal-bank attur fis-sens li thallas terz tad-debitu in kwestjoni sabiex setghu jigu evitati dawn il-proceduri izda s-socjeta' attrici dejjem irrifjutat. Il-konvenuta targumenta li, minhabba f'hekk, ma ghandhiex tigi ritenuta responsabbli tal-imghax li qed jiddekorri kif ukoll tl-ispejjez ta' din l-istanza.

Tali sottomissjoni pero' ma tregix stante li, una volta li l-konvenuita ffirmat l-imsemmija dokumenti, obbligat ruhha li thallas lura d-debiti tas-socjeta' konvenuta versu l-bank attur li ghalhekk ghandu kull titolu li jipprocedi kontra l-istess konvenuta sabiex id-debiti in kwestjoni jithallsu. Inoltre l-fatt li l-konvenuta ttantat tittransigi hu irrilevanti legalment.

Kwantu ghan-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alex Zammit fil-kapacita' tieghu personali u bhala Direttur tas-socjeta' konvenuta, ghandu jigi rilevat li l-istess konvenut propio et nomine ghadu jitqies li hu kontumaci. Ma jirrizultax li f'xi stadju ta' dawn il-proceduri l-istess knvenut iggustifika l-kontumacja. Kwindi n-nota ta' eccezzjonijiet relattiva m'ghandhiex titqies minn din il-Qorti.

In vista ta' dak kollu li gie premess l-eccezzjonijiet kollha tal-konveniuti jisthoqqilhom li jigu michuda. Stante li t-talbiet attrici jirrizultaw b'mod sufficjenti, u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti pero' kwantu ukoll skond il-limiti imposti fl-ghoti tal-istess garanziji.

Ghal dawn il-motivi

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni tilqa t-talbiet attrici u tikkundana lis-socjeta' konvenuta kummercjali Direct Marketing Services Limited bhala debitur principali u lill-konvenuti Martin u Joan mizzewgin Schembri, lil konvenuti konjugi Alex u Marina Zammit u lil konvenuti Roger u Marie Therese mizzewgin Scotto bhala garanti, li jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa  u ghoxrin elf, hames mija u disgha u disghin liri maltin u erbatax-il centezmu (Lm25,599.14) ekwivalenti

ghal disgha u hamsin elf, sitt mija u disgha u ghoxrin Ewro u sitta u disghin centezmu (€59,629.96) bilanc ghad-debitu fl-“Overdraft Account” ta’ Direct Marketing Services Limited mal-bank attur (Dok “A1 sa A69”) flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 1998 sad-data tal-effettiv pagament.[1]

L-ispejjez kollha jithallsu kollha mill-konvenuti kollha in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Korrezzjonijiet awtorizzati bid-digriet tal-Qorti tad-9 ta’ Jannar, 2014